



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2018/2088(INI)

21.11.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar politika industrijali komprensiva Ewropea dwar l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika
(2018/2088(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Bolesław G. Piecha

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-intelliġenza artifiċjali hi destinata li ssir rivoluzzjoni teknoloġika, ekonomika, soċjali u psikoloġika, b'riperkussjonijiet etiċi ovvji, mhux biss fl-Ewropa imma wkoll fil-kumpliment tad-dinja;
- B. billi ż-żieda fl-integrazzjoni tar-robotika fis-sistemi tal-bniedem tirrikjedi gwida politika b'saħħitha dwar il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji u l-minimizzazzjoni tar-riskji għas-soċjetà kif ukoll l-iżgurar ta' żvilupp sikur u ekwu tal-intelliġenza artifiċjali;
- C. billi l-maturità tas-suq tal-intelliġenza artifiċjali tirrappreżenta, mil-lat etiku u dak morali, l-ikbar rivoluzzjoni wara dawk tal-magna tal-istim u tal-kompjuter, u jeħtieġ li tiġi diskussa fil-fond f'livell soċjali;
- D. billi fl-industrija u s-servizzi assoċjati ma' teknoloġija avvanzata, l-intelliġenza artifiċjali hi ċ-ċavetta biex l-Ewropa ssir "kontinent start-up" billi tisfrutta l-aħħar teknoloġiji sabiex tiġġenera t-tkabbir fl-Ewropa, partikolarment f'oqsma bħat-teknoloġija tas-saħħa, is-servizzi u l-programmi tal-kura tas-saħħa, l-iżvilupp ta' mediċina ġdida, ir-robotika u l-kiruġija assistita mir-robots, it-trattament ta' mard kroniku u t-teħid tal-immaġini medika u tar-reġistri mediċi, kif ukoll biex jiġu żgurati ambjent sostenibbli u produzzjoni sikura tal-ikel; billi attwalment l-Ewropa qed taqa' lura apparagun tal-Amerka ta' Fuq u l-Asja f'termini ta' riċerka u privattivi fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali;
- E. billi l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali jista' jgħin biex itejjeb il-ħajja tal-persuni b'mard kroniku u diżabilitajiet u jindirizza l-isfidi soċjali bħat-tixjiegħ tal-popolazzjoni billi jwassal għal teknoloġija tas-saħħa aktar preċiża u effettiva fl-għoti tal-kura tas-saħħa;
- F. billi hemm katalogu wiesa' ta' applikazzjonijiet possibbli tal-intelliġenza artifiċjali u r-robotika fil-kura medika, bħalma huma: il-ġestjoni tad-data u r-rekords mediċi, it-twettiq ta' xogħlijiet ripetittivi (analiżi ta' testijiet, Raġġi X, CT scans, dħul ta' data), tfassil ta' trattamenti, konsultazzjonijiet diġitali (bħal pereżempju konsultazzjoni medika bbażata fuq l-istorja medika personali u l-għarfien mediku komuni), infermiera virtwali, ġestjoni tal-medikazzjoni, ħolqien ta' mediċini, mediċini preċiżi (bħall-ġenetika u l-ġenomika li jfittxu mutazzjonijiet u rabtiet mal-mard billi jħarsu lejn l-informazzjoni fid-DNA), il-monitoraġġ tas-saħħa, l-analiżi tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, eċċ.;
- G. billi l-aċċessibilità ma tfissirx l-istess servizzi u tagħmir għal kulħadd; billi l-aċċessibilità tal-intelliġenza artifiċjali u r-robotika hija bbażata fuq tfassil u ppjanar inklużiv; billi l-ħtiġijiet, ix-xewqat u l-esperjenzi tal-utent jeħtieġ li jkunu l-punt ta' tluq għall-proġettazzjoni;
- H. billi hemm tħassib etiku, psikoloġiku u ġuridiku qawwi dwar l-awtonomija tar-robots, in-nuqqas ovvju tas-sens ta' empatija u l-impatt tagħhom fuq ir-relazzjoni bejn it-tabib u

l-pazjent li għadhom ma ġewx indirizzati b'mod xieraq fil-livell tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali tal-pazjenti, ir-responsabilità u r-relazzjonijiet ekonomiċi u ta' imjeg ġodda li se jirriżultaw; billi "awtonomija" bħala tali tista' biss tkun attribwita b' mod sħiħ lill-bnedmin; billi hemm il-ħtieġa ta' qafas ġuridiku robust u etiku għall-intelliġenza artifiċjali;

- I. billi l-introduzzjoni tal-intelliġenza artifiċjali, b'mod partikolari, fil-qasam tas-saħħa, trid tkun dejjem ibbażata fuq il-prinċipju ta' responsabilità li hu "l-bniedem jikkontrolla l-magna";
 - J. billi r-riskji tal-intelliġenza artifiċjali għadhom ma ġewx studjati biżżejjed;
1. Jenfasizza li kwalunkwe progress teknoloġiku rivoluzzjonarju, partikolarment fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali u r-robotika, għandu jkun ta' servizz għall-benesseri tal-bniedem;
 2. Jenfasizza li s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali u r-robotika huma mezzi teknoloġiċi innovattivi għat-titjib tal-ħajja tan-nies, it-ktabbir tal-ekonomija u l-indirizzar tal-isfidi marbuta mas-saħħa, l-ambjent, il-bidla fil-klima u s-sikurezza tal-ikel, fost ħafna oħrajn, fejn l-aġent bniedem huwa dejjem responsabbli għall-użu tagħhom;
 3. Jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jfasslu Pjan ta' Azzjoni tal-UE kompletament komprensiv bil-ħsieb li joħolqu "ekosistema tal-intelliġenza artifiċjali" Ewropea biex jiżfruttaw b'mod sħiħ l-opportunitajiet ta' żvilupp soċjoekonomiku filwaqt li jiġu indirizzati bir-reqqa l-kwistjonijiet ta' sikurezza, sigurtà, prevenzjoni ta' ħsara u mitigazzjoni tar-riskji, responsabilità morali umana, governanza u regolamentazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali u r-robotika, is-sostenibbiltà ambjentali, u l-iskart ta' tagħmir tal-intelliġenza artifiċjali¹; jenfasizza li din l-"ekosistema" għandha tkun miftuħa għall-ħtiġijiet ta' intrapriżi żgħar ħafna (VSEs) u ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u għandha tiġi stabbilita flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, b'mod partikolari l-gruppi ta' pazjenti, iżda wkoll b'kunsiderazzjoni tat-tħassib ta' gruppi oħra bħall-assoċjazzjonijiet tal-assistenza soċjali, il-knejjes u l-fakultajiet tal-filosofija;
 4. Għandha tingħata attenzjoni speċjali fir-rigward tal-użu tal-"big data" fis-saħħa bil-għan li jiġu massimizzati l-opportunitajiet li dan jista' jgħib – bħat-titjib kemm tas-saħħa tal-pazjenti individwali kif ukoll tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri – mingħajr ma jitnaqqsu l-istandards etiċi u mingħajr ma tiġi mhedda l-privatezza jew is-sikurezza taċ-ċittadini;
 5. Iwissi b'mod qawwi kontra kwalunkwe tentattiv biex il-magni li jużaw l-intelliġenza artifiċjali jiġu mgħammra b'xi tip ta' "personalità", b'tali mod li l-produtturi, u l-persuni li joperawhom, jiġu eżonerati mir-responsabbiltà;
 6. Jenfasizza, madankollu, li hemm il-possibbiltà li s-sistema eżistenti għall-approvazzjoni ta' apparat mediku mhijiex adegwata għat-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib il-progress ta' dawn it-teknoloġiji u tipproponi bidliet għall-qafas regolatorju fejn meħtieġ bil-għan li tistabbilixxi l-qafas għad-

¹ Ara b'mod partikolari d-dikjarazzjoni tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġija Ġdida dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, ir-Robotika u s-Sistemi "Awtonomi" ta' Marzu 2018.

- determinazzjoni tar-responsabilità rispettiva tal-utent (it-tabib/il-professjonist), il-produttur tas-soluzzjoni teknoloġika, u l-faċilità tal-kura tas-saħħa li toffri t-trattament; jindika li r-responsabbiltà ġuridika għad-danni hija kwistjoni ċentrali fis-settur tas-saħħa f'dak li jikkonċerna l-użu tal-intelliġenza artifiċjali; jenfasizza l-ħtieġa, għalhekk, li jiġi żgurat li l-utenti ma jiġux immexxija b'mod invarjabbli biex jappoġġaw is-soluzzjoni jew it-trattament dijanjostiku li jkun issuġġerixxa strument teknoloġiku minħabba biża' li jiġu mfittxija għad-danni jekk, fuq il-bażi tal-ġudizzju professjonali infurmat tagħhom, huma kellhom jaslu għal konklużjonijiet differenti anke jekk parzjalment;
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw finanzjament ikbar għar-riċerka fl-intelliġenza artifiċjali u r-robotika u jinkoraġġixxu l-esperti tal-intelliġenza artifiċjali u lill-kumpaniji Ewropew u dawk mhux Ewropej joħolqu impjiegi innovattivi li jsaħħu r-riċerka dwar kwistjonijiet ta' saħħa pubblika; issostni, madankollu, li strateġija globali għall-impjiegi jeħtieġ li timxi id f'id mal-avvanz tal-intelliġenza artifiċjali fil-kuntest tal-kura tas-saħħa professjonali;
 8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu t-talent fl-oqsma tal-intelliġenza artifiċjali u r-robotika permezz ta' miżuri prattiċi (pereżempju, l-istabbiliment ta' inkubaturi u appoġġ għal negozji ġodda) biex jiżdied in-numru ta' persunal imħarreġ, b'attenzjoni partikolari fir-rigward tal-preżenza tan-nisa u biex jiġu attirati studenti minn dixxiplini oħra;
 9. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jieħdu l-miżuri ġuridiċi kollha neċessarji biex jipprojbixxu metodi ta' ewtanażja u ta' għażla permezz tal-użu li qed jiżdied tal-ottimizzazzjoni tal-interfaċċi bniedem-magna fil-ġisem tal-bniedem;
 10. Jistieden lill-Kummissjoni tippermetti aċċess għal għotjiet skont il-programmi qafas tal-UE u forom oħra ta' finanzjament għar-riċerka fl-intelliġenza artifiċjali;
 11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu pjanijiet estensivi bil-ħsieb li jattiraw partijiet ikkonċernati ewlenin u atturi ewlenin fl-oqsma tal-IT, tal-matematika, tal-fiżika, tal-informazzjoni teknoloġika medika, tal-psikoloġija klinika, tal-bijoinġinerija u tal-farmaċewtika biex jifihu ċentri ta' riċerka bijomedika u bijonika fl-Ewropa kollha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, madankollu, biex jieħdu bis-serjetà r-riskji tal-intelliġenza artifiċjali (bħall-impatt tagħhom fuq ir-relazzjoni bejn it-tabib u l-pazjent u d-deumanizzazzjoni tal-kura medika) u biex jappoġġaw ir-riċerka dwar ir-riskji u t-tħassib etiku relatati mal-intelliġenza artifiċjali, li jistgħu jgħinu biex jiddeterminaw jekk u taħt liema kundizzjonijiet l-użu ta' soluzzjoni teknoloġika partikolari jista' jitqies xieraq u f'konformità mal-prinċipji fundamentali tad-dinjità tal-bniedem u l-ugwaljanza u għalhekk jistgħu jiġu awtorizzati;
 12. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu l-fondi favur teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali relatati mas-saħħa, fis-setturi pubbliċi u privati; jilqa' f'dan il-kuntest, id-dikjarazzjoni ta' kooperazzjoni ffirmata minn 24 Stat Membru tal-UE u min-Norveġja bil-għan li jissaħħaħ l-impatt tal-investimenti fl-intelliġenza artifiċjali fil-livell Ewropew; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw jekk il-programmi ta' taħriġ għall-persunal mediku u tal-kura tas-saħħa għandhomx jiġu aġġornati u standardizzati fuq bażi mifruxa mal-Ewropa kollha sabiex jiġu żgurati livelli għoljin ta' għarfien espert u kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri fir-rigward tal-għarfien u l-użu tal-aktar strumenti teknoloġiċi avvanzati fil-kirurġija robotika, il-

bijomediċina u l-immaġni bijomedika bbażata fuq l-intelliġenza artifiċjali.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	20.11.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Catherine Bearder, Ivo Belet, Biljana Borzan, Paul Brannen, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Seb Dance, Mark Demesmaecker, Bas Eickhout, Francesc Gambús, Gerben-Jan Gerbrandy, Jens Gieseke, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Françoise Grossetête, Benedek Jávor, Karin Kadenbach, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Jo Leinen, Peter Liese, Valentinas Mazuronis, Susanne Melior, Miroslav Mikolášik, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Bolesław G. Piecha, John Procter, Julia Reid, Frédérique Ries, Annie Schreijer-Pierik, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cristian-Silviu Buşoi, Nicola Caputo, Michel Dantin, Martin Häusling, Esther Herranz García, Gesine Meissner, Tilly Metz, Ulrike Müller, Sirpa Pietikäinen, Carlos Zorrinho
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Mercedes Bresso, Innocenzo Leontini, Olle Ludvigsson, Ana Miranda

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

48	+
ALDE	Catherine Bearder, Gerben Jan Gerbrandy, Valentinas Mazuronis, Gesine Meissner, Ulrike Müller, Frédérique Ries
ECR	Mark Demesmaeker, Urszula Krupa, Bolesław G. Piecha, John Procter, Jadwiga Wiśniewska
EFDD	Sylvie Goddyn
NI	Zoltán Balczó
PPE	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Cristian-Silviu Buşoi, Birgit Collin-Langen, Michel Dantin, Francesc Gambús, Jens Gieseke, Françoise Grossetête, Esther Herranz García, Giovanni La Via, Innocenzo Leontini, Peter Liese, Miroslav Mikolášik, Sirpa Pietikäinen, Annie Schreijer-Pierik, Adina-Ioana Vălean
S&D	Biljana Borzan, Paul Brannen, Mercedes Bresso, Nicola Caputo, Nessa Childers, Seb Dance, Karin Kadenbach, Jo Leinen, Olle Ludvigsson, Susanne Melior, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Carlos Zorrinho
VERTS/ALE	Marco Affronte, Bas Eickhout, Martin Häusling, Benedek Jávor, Tilly Metz, Ana Miranda

2	-
EFDD	Julia Reid
PPE	Julie Girling

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni